MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 2039/1998/1

**Vassallo Joiners Limited**

**vs**

**Moses Debono u martu Lydia Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz  ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Ottubru,1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' tlett mitt Lira  Maltija (Lm300), rapprezentanti l-bilanc dovut fuq xogholijiet ta' ghamara li saru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Gunju 1998 u dik ufficjali tal-31 ta' Lulju 1998 u bl-imghax dekorribli skond il-Ligi sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

Illi l-ammont pretiz mhux dovut peress li gie sodisfatt kif ghandu jirrizulta mid-dokument markat Dok ‘MD 1’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konvenuti kienu ordnaw xogholijiet ta’ l-injam minghand is-socjeta’ Vassallo Builders Limited. Ta’ din l-ordni kien fadal bilanc ta’ tlett mija u hamsa u sebghin lira (Lm375), liema bilanc jidher fuq *invoice* 4109 datat 14 ta’ Dicembru 1993. Sussegwentement saru zewg pagamenti. Wiehed ta’ l-20 ta’ Mejju 1994, ghal tlett mitt lira (Lm300) u iehor tat-23 ta’ Jannar 1995 ghal mija tmienja u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm158.50c). Ghalhekk irrizulta *over payment* ta’ tlieta u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm83.50c).

F’xi zmien is-socjeta’ Vassallo Builders ghaddiet ix-xoghol kollu ta’ l-injam lil socjeta’ ohra bl-isem ta’ Vassallo Joiners Limited, li akkwistat il-krediti u d-debiti kollha illi kellha s-socjeta’ precedenti rigward ix-xoghol ta’ l-injam, ghalhekk dan il-kreditu ta’ tlieta u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm83.50c) ghadda favur il-konvenuti, izda taht is-socjeta’ Vassallo Joiners Limited.

Il-konvenuti ghamlu ordnijiet ohra ta’ l-injam tramite ftehim li gie ffirmat fid-19 ta’ Mejju 1994 b’valur totali ta’ elfejn mija u hamsa u disghin lira (Lm2195). Sussegwentement jidher li l-konvenuti biddlu xi ftit l-*specifications* ta’ l-injam illi kellu jintuza biex isir ix-xoghol u l-valur ta’ dan il-kuntratt zdied b’erba’ mitt lira (Lm400), biex b’hekk gie jaqra elfejn hames mija u hamsa u disghin lira (Lm2595), kif jidher fl-*invoice* 4732.

Ix-xoghol sar u gie konsenjat u bdew isiru l-pagamenti. Ma’ dawn bdew johorgu l-*statements of account*, sakemm

fl-ahhar l-*statement* datat 15 ta’ Lulju 1996 kien ghad jidher bilanc favur is-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ erbgha mija u sebghin lira (Lm470). Il-konvenuti hargu zewg *post dated cheques* bil-valur ta’ mitejn u hamsa u tletin lira (Lm235) kull wiehed. Dawna ssarfu fit-30 ta’ Lulju 1996 u fit-2 ta’ Settembru 1996. Jidher izda li sar zball minn naha tas-socjeta’ attrici u fejn il-konvenuti gew moghtija x’jifhmu illi b’dawn iz-zewg *post dated cheques* ser ihallsu l-ammont bilancjali, jidher illi dan kien zbaljat peress illi kien ghad fadal bilanc ta’ tlett mitt lira (Lm300) dovut lis-socjeta’ attrici. Kif waslu ghal dan il-bilanc huwa spjegat tajjeb hafna bi *statement* esibit a fol 48 tal-process. Fil-fatt il-konvenuti mhumiex qeghdin jikkontestaw dan l-*statement* peress illi fih jidhru t-*transazzjonijiet* kollha li saru bejn il-partijiet. Il-kwistjoni li qamet tirrigwarda l-iskrittura fuq l-*statement of account* tal-15 ta’ Lulju 1996 a fol 12, minnfejn jidher illi l-iskrivana tas-socjeta’ attrici kitbet il-kliem *“balance settled by post dated cheques sent*”.
Kif tajjeb spjega l-abbli difensur tal-konvenuti fis-sottomissjonijiet tieghu, din id-dicitura torbot kemm is-socjeta’ attrici, kif ukoll il-konvenuti u f’dak l-istadju jidher illi ma kien hemm l-ebda ammonti dovuti lis-socjeta’ attrici u quindi din ma tistax issa ddur fuq il-konvenuti u titlob aktar flus.

Minnahha l-ohra, s-socjeta’ attrici argumentat illi dak il-kliem kien biss *internal memo* u ma kienx wiehed mibghut lill-konvenuti, ghalhekk jekk sar zball minn impjegat tas-socjeta’ attrici, ma jistghux il-konvenuti japprofittaw irwiehhom u jichdu dak li huwa validament dovut lis-socjeta’ attrici.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li trid tivventila din il-Qorti tirrigwarda proprio dan il-kliem kif imnizzel fl-*statement* fuq imsemmi u safejn jista u ma jistax jorbot il-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi meta l-konvenuti gewipprezentati bl-*statement of account* tal-15 ta' Lulju 1996 (fol 8), dawna gew moghtija x'jifhmu li kien fadal pagament ta' erbgha mija u sebghin lira u ghaxar centezmi (Lm470.10c) dovut lis-socjeta' attrici. Kien ghalhekk illi hargu zewg *post dated cheques* li gew accettati mis-socjeta' attrici u msarrfa fid-dati ndikati fuq l-istess cheques, ghalhekk f'mohh il-konvenuti l-bilanc kollu li kien ghad fadal dovut lis-socjeta' attrici thallas b'dawn iz-zewg *post dated cheques.* Kien ghalhekk li l-iskrivan nizzel fuq id-dokument *"balance settled by post dated cheques sent"*. Fil-fatt din id-dicitura hija wkoll hazina, peress illi f'dak l-istadju meta saru l-*post dated cheques*, il-bilanc ma kienx ghadu thallas u kien ikun ahjar kieku minflok tnizzlu l-kliem *"balance <u>to be</u> settled by post dated cheques".* Hi xinhi, dawn il-pagamenti saru u gew accettati mis-socjeta' attrici, quindi f'dak l-istadju nholoq rapport bejn il-partijiet fejn il-pagament mitlub gie mhallas. Kien biss f'xi stadju wara dan, li s-socjeta' attrici ndunat bl-izball li kellha. Tant hu hekk, illi l-konvenut Moses Debono jghid illi wara illi saru dawn il-pagamenti beda jircievi *invoices* minghand is-socjeta' attrici fejn kien ghad jidher bilanc ta' tlett mitt lira (Lm300). Dan ikkontestah bil-kbir peress illi meta huwa ffirma z-zewg *post dated cheques* u offrihom lis-socjeta' attrici, ghamel hekk bil-hsieb li dan il-pagament kien wiehed ghas-saldu. Kien f'dan l-isfond li s-socjeta' attrici accettat dawn ic-cekkijiet u sarfithom.

F'kawza deciza mill-Prim Awla fis-6 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet <u>*Aldo Bonello noe vs Anthony Sammut noe*</u> l-Qorti qalet: *"l-accettazzjoni tac-cheque mill-attur nomine ghandha tigi ritenuta li kienet skond l-offerta ghas-saldu."*

Izda, l-Qorti jidhrilha li din l-offerta tad-debitur trid tkun specifika u ma thalli l-ebda lok ghal xi dubbju b'mod li min jircievi l-pagament ikun jaf li qed jinghalqu l-pendenzi kollha u qed jaccetta l-pagament taht dik il-kondizzjoni.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-26 ta' Novembru,1986 fl-ismijiet: <u>*"William Apap vs Jos. Gasan et noe"*</u>, il-Qorti qalet *"….. jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tad-debitur,*

*m'ghandhux dritt il-kreditur unilaterlament jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' l-offerta ta' pagament ghas-saldu"*.

F'dan il-kaz, il-konvenuti ma ddikjaraw xejn u offrew iz-zewg cekkijiet minghajr ebda kondizzjoni b'mod li s-socjeta' attrici kienet libera li taccettahom kif jidhrilha hi. Id-dikjarazzjoni fuq l-statement mhix modalita' ta' offerta da parti tal-konvenuti, izda kitba ta' skrivana tas-socjeta' attrici ghall-informazzjoni taghha stess u ma tistax tigi akkreditata ghal xi beneficcju tal-konvenuti u ghalhekk ma jistax jinghad li ddikjaraw b'mod univoku u indubitabbli li qed joffru pagament ghas-saldu – tali dikjarazzjoni hi palezament  nieqsa minn naha tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) bilanc fuq xogholijiet ta' ghamara li saru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------